SANTA LUĊIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

## Is-Seba' Leġislatura
## Laqgħa Numru 24-17

25 ta' Jannar 2017

Il-Kunsil Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fit-3.30 ta' filgħaxija. Din il-Laqgħa tkompli mal-Laqgħa numru 23-17 li saret fl-20 ta' Jannar 2017.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea – Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa li kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa numru 23 li saret nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Jannar 2017 u li kellha tieqaf minħabba fi problemi tal-*live streaming*. Il-Kunsill kompla bl-*item* tal-Agenda li kien imiss.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**24.1.1** L-Ammbaxxatriċi taż-Żgħażagħ infurmat il-Kunsill permezz ta' *e-mail* li ma setgħatx tattendi għall-laqgħa.

**24.2 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**24.2.1** ***Video Mużikali miġbud fi Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku rrefera għal *video* mużikali li deher fuq il-mezzi tax-xandir tal-Ħadd, 22 ta' Jannar 2017, u għadda biex iwieġeb il-mistoqsijiet li l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Galea qajmu fir-rigward ta' dan il-*video* mużikali.

Is-Sindku irrefera għall-kantant li deher f'dan il-*video* u qal li meta dan kien ikkomunika miegħu permezz ta' *e-mail* huwa dejjem iffowerdja l-*e-mails* lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma jirriżultax li l-Kunsill irċieva *e-mails* mingħand is-Sindku f'dan ir-rigward. Hija qalet li l-unika *e-mail* li waslet il-Kunsill kienet inbagħtet minn dan l-individwu inkwistjoni u kienet indirizzata lis-Sindku. Hija qalet li din l-*e-mail* kienet iġġib id-data tat-23 ta' Novembru 2016. Hija qalet ukoll li taħt din l-*e-mail* kien hemm żewġ *e-mails* oħra li kienu ntbagħtu biss lis-Sindku fuq il-*g-mail account* tiegħu u li kienu jġibu d-data tal-11 ta' Ottubru 2016 u tal-12 ta' Novembru 2016.

Il-Kunsilliera Galea staqsiet jekk kienx sar permess skond il-*Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita' biex isir dan il-*video* fil-ġnien. Is-Sindku qal li ma kienx jaf. Il-Kunsilliera Galea staqsiet lis-Sindku kif mar jiftaħ l-istrutturi tal-Ġnien biex jinġibed dan il-*video* meta ma kienx jaf jekk kienx sar il-permezz. Is-Sindku semma reklam li kien sar fis-sena 2014 fl-istess Ġnien. Il-Viċi Sindku qal li dak kien sar bil-permess u tħallset is-somma ta' 250 ewro.

Qamet diskussjoni u s-Sindku qal li dan il-*video* mhux kummerċjali. Dak il-ħin il-Viċi Sindku qal li diġa rawh 54,000 ruħ u semma intervista ta' promozjoni ta' dan il-*video* fuq *u-tube*. Is-Sindku kompla jiġi mistoqsi domandi dwar il-ħlas dovut skond il-*Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li kien ser jgħid lil dan il-kantant biex jiġi jħallas. Il-Kunsilliera Galea sostniet li l-ewwel kellu jsir il-permess u jsir il-ħlas dovut imbagħt niftħu l-istrutturi tal-Ġnien biex isir il-*video*. Hija staqsiet fejn kien il-kuratur tal-Ġnien imħallas mill-Kunsill biex jara li dawn l-affarijiet ma jsirux jekk ma jkunx hemm permess uffiċċjali.

Il-Viċi Sindku qal li din bħal tal-Ewro 2016 meta nkiser it-*television* tal-Kunsill u ġie mibdul ma' ieħor mingħajr ma ġie nfurmat il-Kunsill u l-Amministrazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħala l-persuni responsabbli mill-assi tal-Kunsill hija kellha tiġi nfurmata. Hija qalet li llum il-Kunsill għandu *television* inkluż fl-assi tal-Kunsill u nxurjat u li m'huwiex l-istess wieħed li hemm fit-Tea Room.

Il-Viċi Sindku akkuża lis-Sindku li qed jipprova jiġbed saqajn il-Kunsill bħal meta qal li

ġabar €212 għall-Puttinu Cares waqt attivita' li għaliha attendew 7,000 ruħ. Huwa qal li ż-żewġ bottijiet ta' Puttinu li ħa hu kien ħadhom ġimgħa wara l-attivita taċ-Chinese Food Festival u waqt attivita' tal-każin li għaliha pparteċipaw biss mitt ruħ, kienet inġabret is-somma ta' €113.13. Huwa ippreżenta riċevuta ta' din is-somma miġbura.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li hi qed tinnota abbuż fil-kiri ta' Gnien is-Serenita ta' Santa Luċija u fil-proċedura ta' kif qiegħed jinkera. Hija qalet li qed tgħid dan għax dan l-abbuż qed isir għad-dannu tal-Kunsill u għad-dannu tar-residenti ta' Santa Luċija. Hija qalet li tħoss li qed tkun kompliċi ta' dawn l-affarijiet li qed isiru għax nafu li diġa ġraw qabel. Hija tenniet li la qed jikser il-*Bye-laws* il-Kunsill qiegħed jikser il-liġi. Komplew id-diskussjonijiet u l-argumenti tal-Kunsilliera.

Il-Viċi Sindku qal li dak li ntqal irid jiġi imminitjat u mibgħud li Bord tal-Governanza.

**24.2.2** ***Newsletter tal-Kunsill***

Is-Sindku għadda għall-mistoqsijiet li għamlet il-Kunsilliera Caroline Galea fir-rigward tal-*newsletter* tal-Kunsill. Hija staqsiet għalfejn in-*newsletter* tlestiet tard u ma tqasmmetx bil-posta bħas-soltu; għalfejn inbidel t-titolu ta' dan il-fuljett mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill; għalfejn in-*newsletter* ma nbagħtetx għall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma ġiet stampata; għalfejn il-Kunsilliera ma ġewx infurmati li ser toħroġ tard; għalfejn waqajna fir-redikolaġni li n-*newsletter* iqassama s-Sindku. Il-Kunsilliera Galea qalet ukoll li din is-sena ġew approvati fondi żejda għall-attivitajiet tal-Milied u r-residenti ma setgħux jiġu għalihom għax l-avviżi fil-*newsletter* ma waslux fil-ħin. Hija staqsiet min ser jerfa r-responsabilta' lin-*newsletter* spejjes tal-Kunsill tqassmet tard u ma tqassmitx f'mod professjonali. Qamet diskussjoni twila fuq kif saru l-affarijiet. Is-Sindku qal li l-avviżi tal-attivititajiet xorta ħarġu fil-ħin u qabel tqassmet in-*newsletter*. Huwa qal li wara il-15 ta' Diċembru tal-posta ma jgħatux dan is-servizz. Huwa qal li ma jara xejn ħażin li n-*newsletter* qassama hu. Il-Viċi Sindku qal li dik nuqqas ta' etika. Huwa qal li l-isem tal-*newsletter* imbidel mingħajr ma ġie kkonsultat il-Kunsill u fuq quddiem, fi żmien tal-Milied, tpoġġa ritratt ta' sentejn ilu li m'għandux x'jaqsam xejn ma dan iż-żmien ta' festi. Tressqu diversi ilmenti dwar il-fatt li kien hemm min irċieva n-*newsletter* lejliet il-Milied u kien hemm min għadu l-anqas biss irċevieha sa llum. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mistoqsija meta tlesiet il-*newsletter*. Hija ippreżentat kopja tad-*delivery note* bid-data tas-16 ta' Diċembru 2016. Hija kkonfermat li f'dik id-data il-kaxxi tal-*newsletter* kienu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

***24.2.3*** ***Proġett tal-Klabb tal-Football***

Mistoqsija tal-Viċi Sindku: għaliex il-Kunsill ma kienx infurmat b'din il-proposta u għala proġett li għandu mpatt daqshekk kbir fuq il-lokaita' kollha ta' Santa Luċija ma tressaqx biex jiġi diskuss fuq livell ta'Kunsill.

Is-Sindku qal li dan il-proġett kien rah madwar sena ilu bħala membru tal-Kumitat u dak iż-żmien lanqas kienet għada ħarġet *white paper* fuqu. Huwa qal li kieku ma semmieħx il-Viċi Sindku kieku kien jaħseb li spiċċa kollox.

Il-Viċi Sinkdu qal li uffiċċjali tal-klabb kienu tawħ x'jifhem li kienu tkellmu mas-Sindku. Huwa qal li proġett ta' din il-portata li ser iħalli impatt daqshekk kbir fuq il-

lokalita' u fuq ir-residenti kellu jiġi diskuss fuq livell ta' Kunsill. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li jidher li l-Kunsilliera qed jiġu esklużi minn kollox. Il-Kunsill qabel li tintbagħt ittra lill-uffiċjali tal-Klabb biex jiltaqu mal-Kunsill u jressqu *presentation* ta' dan il-proġett.

### 24.2.4 *Armar tal-festi tal-Milied*

Is-Sindku għadda għall-mistoqsija ta' Caroline Galea: għalfejn il-Picnic Area li intrama bi *snow village* u presepju ħaj għall-attivitajiet tal-Milied għadu ma ġiex *reinstated*? Hija talbet data definittiva meta dawn ser jitneħħew u l-ispazji miftuħa jerġu jiġi *reinstated* għal dak li kienu qabel inħareġ il-permess tal-Kunsill biex jinbiddlu fi *Christmas Village*.

Is-Sindku qal li nhar is-Sibt, 28 ta' Jannar 2017 ser jibda jiżżarma l-armar. Qamet diskussjoni u saret premura biex il-post jerġa jiġi kif kien qabel. Il-Kunsilliera Galea qalet li l-Kunsill kien ta l-appoġġ tiegħu fl-ispirtu tal-Milied. Hija qalet li kollox irid jiġi *reinstated* sakemm ma titressaqx proposta u tiġi aċċettata. Hija qalet li bħalissa hemm sens ta' negliġenza. Il-Viċi Sinkdu qal li l-bożoż fil-*playing field* u Pjazza Dorell kienu għadhom bil-kulur u staqsa meta ħa jinbidlu. Huwa għamel referenza għall-ablu maqlugħ, bil-live fih, li tħalla fil-*playing field* għal tlett ġimgħat biex tneħħa. Is-Sindku qal li ma kienx ilu tlett ġimgħat. Hawnhekk saru xi kummenti fuq il-grada li twaħħlet fil-*playing field* għax ma tingħalaqx sew u dwar il-bżonn li jingħalaq il-perimetru kollu tal-*playing field*. Il-Kunsill qabel li din il-materja għanda tkun *item* fuq l-Agenda biex tiġi diskussa aktar fid-dettal.

### 24.2.5 *Spejjeż relatati mal-festi tal-Milied*

Fuq mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar kemm tammonta l-ispiża relatata mal-festi tal-Milied, is-Sindku ippreżenta rendikont tal-ispejjeż kollha nvoluta. Qamet diskussjoni u saret premura biex l-ispejjeż li saru fuq armar jiżżarmaw bil-galbu u jintrefgħu għal sena oħra. Il-Kunsilliera Galea tkellmet fuq il-presepju ħaj u qalet li fl-ispirtu tal-Milied il-Kunsill kien approva mingħajr *breakdown* tal-ispejjez involuti. Hija qalet li tlett elef ewro huma flus u l-Kunsill għandu jieħu ħsieb il-propjeta tiegħu bl-aħjar mod possibli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa tagħt l-ordni lill-kuratur tal-ġnien biex dak kollu li jiżżarma jintrefgħa fl-Annex tal-Kunsill.

**24.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**24.3.1 Ħlas għall-servizz ta'Ġbir ta' Skart Goff għax-xhur ta' Ottubru 2016 u Novembru 2016**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ kontijiet għas-servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff li kienu jeċċedu sew l-ammont lis-soltu jħallas il-Kunsill fuq dan is-servizz. Hija qalet li meta ċċekjat sabet li kien hemm diskrepanza bejn il-lista ta' affarijiet li jnizzel il-Kunsill biex jinġabru u dawk li fil-fatt ġew imniżżla fl-*invoice* għal dawk ix-xhur partikulari. Hija qalet li kienet kellmet lill-kuntrattur li qal li dak li jara jiġbru u jniżżlu fil-lista tiegħu biss. Hija qrat tweġiba bil-miktub li bagħt il-Kuntrattur bi tweġiba għall-ittra tal-Kunsill. Fl-ittra tiegħu l-kuntrattur qal li ġieli kien hemm każi fejn ġabar trakk sħiħ żabra jew kamra tas-sodda sħiħa biex ma jħallix imbarazz barra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li trid tieqaf din il-proċedura li dak li jara jiġbru mingħajr ma jinforma l-Kunsill għax din twassal għal nuqqas ta' kontrol. Hija qalet li l-kuntrattur ġie mwissi li dak li qiegħed fil-lista biss irid jiġbor u fejn ikun hemm skart ġoff jinforma l-Kunsill ħalli l-Kunsill ikun jista' jieħu nota. Il-Kunsill iddiskuta dan is-servizz u wara li ħa inkonsiderazzjoni l-miżuri ta' kontrol li ħadet is-Segretarju Eżekuttiv approva dawn iż-żewġ pagamenti.

**24.3.2 Kiri ta' open skips mhux awtorizzat**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kont ta' €1,799.00 għal kiri ta' 21 *open skip* għall-perjodu bejn 10 ta' Ottubru 2016 u s-7 ta' Jannar 2017. Hija qalet li normalment il-Kunsill jikri minn tnejn sa massimu ta' tlett *open skips* fix-xahar li jitpoġġew f'*area* magħluqa f'Wied Garnaw għall użu tal-Kunsill. Hija qalet li fil-fatt minn Jannar 2016 sa Ottubru 2016 kienu ġew ordnati 20 *open skip* b'kollox.

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għall-*invoice* imsemmija u qalet li l-kiri tal-maġġoranza ta' dawn l-*open skips* ma kienx awtorizzat minnha. Irriżulta' li l-*staff* tal-Kunsill kien jordna *open skips* bit-*telephone* kull meta s-Sindku jew il-Kuratur tal-ġnien jgħidilhom biex iċemplu għal *open skip* fil-Picnic Area. Is-Sindku qal li hu ma ordnax dawk l-*open skips* kollha u jiftakar li ċempel xi darbtejn jew tlieta biss. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-iskrivana kienet timmarka fuq id-*diary* kull meta ċċempel għall-iskip u meta qabblet in-numri mmarkati fuq d-*diary* man-numru tal-iskips imniżżla fuq l-*invoice* hija qablet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi tlett xhur inqabeż il-*budget* tal-*open skips* għal sena sħiħa barra l-fatt li ma ġewx rispettati t-*treshholds*.

**24.3.3 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti:**

Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera ma ħassewhomx komdi jiffirmaw l-iskeda ta' pagamenti qabel jingħataw risposti ċari fir-rigward ta' dak li ġie diskuss waqt din il-laqgħa. Il-Kunsilliera Galea qalet li meta tiffirma xi ħaġa, legalment qed taċċetta r-responsabiltà. Hija qalet li minn naħa tal-Kunsilliera dan hu sinjal ta' protesta.

**24.4 Rapport Amminstrattiv 2016**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport ta' Ħidma għas-Sena 2016. Hija qalet li dan ir-rapport ser ikun ippreżentat waqt il-Laqgħa tal-Lokalita' 2017. Saret referenza għall-Proġett tal-Jogging Track u saru xi proposti li jistgħu jsiru biex ikun hemm aċċessibilita' aħjar u jitnaqqas il-periklu.

Il-Kunsill approva dan ir-Rapport Amministrattiv 2016.

**24.5 Pjan ta' Ħidma għas-Sena 2017**

Il-Kunsill iddiskuta l-Pjan ta' Ħidma għas-sena 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-proposta taċ-Ċentru Ċiviku li tinsab inkluża fil-Pjan ta' tlett snin. Hija qalet li fuq talba tal-Kunsilliera Galea din ġiet inkluża wkoll fil-Pjan ta' Ħidma għas-sena 2017.

Il-Viċi Sindku ppropona li ssir revisjoni ta' dan il-proġett biex il-Kunsill jieħu inkonsiderazzjoni il-proġetti li hawn imsemmija fil-lokalita' biex ma jkunx hemm risorsi doppji mingħajr il-ħtieġa tagħhom. Saret referenza b'mod partikulari għas-sala li ser tinbena fl-iskola sekondarja tal-bniet f'Santa Luċija u l-*gym* li hemm inkluż fil-proġett tal-klabb tal-futbol.

Fuq talba tal-Viċi Sindku ġiet inkluża wkoll il-proposta tal-PV Farm f'Wied Garnaw. Huwa qal li l-Kunsill għandu jkompli jaħdem fuq din il-proposta u jsir il-*lobbying* neċessarju biex dan il-proġett jiġi attwat.

Fir-rigward tax-xogħolijiet il-Kunsill qabel li meta l-perit tal-Kunsill ilesti l-istimi tax-xogħolijiet proposti, il-Kunsill ikun jista' jara dawk li huma fattibli li jsiru din is-sena. Ġiet ippreżentata stima ta' bankina fi Triq Burka li tammonta għall-€20,000.00. Is-Sindku qal li din l-istima trid tiġi riveduta għax il-parti t'isfel ta' din il-bankina kien diġa lesta.

Fir-rigward tal-*website* il-Kunsill qabel li għandha tinġieb kwotazzjoni biex din tinqaleb bil-Maltu u li jinkera servizz ta' Webmaster biex din il-Website tinżamm dejjem aġġornata.

**24.6 Proposti għall-Budget 2017**

Il-Kunsill iddiskuta l-proposti għal Budget 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-estimi annwali u spjegat fid-dettal kif ser tiġi mqassma l-allokazzjoni finanzjarja f'dak li huma spejjeż kurrenti tal-Kunsill. Fir-riġward tal-manutenzjoni tat-toroq is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-flus allokati għall-manutenzjoni tat-toroq iridu jintefqu biss għal dan il-għan. Hija fakkret li din is-sena l-Kunsill irid iħallas is-somma ta' €23,508.00 taħt l-iskema tal-PPP. Il-Kunsill ikkonferma l-impenn tiegħu li jkompli jaqta' l-*loan* li għandu fir-rigward tax-xiri tal-*premises* tal-Kunsill billi jsir ħlas ta' €5,000 fil-bidu tas-sena minbarra l-pagamenti ta' kull xhar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sas-sena 2018 il-Kunsill ikun ħallas dan il-*loan* kollu. Mal-infiq kapitali żdiedu wkoll ix-xiri ta' tlett *lamp poles* għal Jogging Track.

**24.7 Il-Kunsill approva l-performance bonus tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:**

Il-Kunsill iddiskuta l-*performance appraisals* tal-ħaddiema tal-Kunsill inkluż is-Segretarju Eżekuttiv. Dawn ġew ippreżentati quddiem il-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kummenti tas-Sindku kif ukoll dawk li għamlet hi fil-konfront tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill. Saru xi kummenti f'dan ir-rigward u l-Kunsill approva il-*performance bonus* kif ġej:

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio - Segretarju Eżekuttiv | 10% |
| Louise Gatt - Assistent Prinċipal | 6% |
| Marilyn Ellul – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |

**24.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. Laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir fid-9 ta' Frar 2017 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum it-Tnejn, 27 ta' Frar 2017

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Caroline Silvio |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |